TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru. 19/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Lawrence Cefai
u
Messrs. St. Julien Hotel,
St Julians.

Chairman: C.J. Mallia

Data: 10 ta' Lulju, 1978.

L-ilment tas-Sur Lawrence Cefai, li huwa kien gie mkecci ingustament mill-impieg tieghu ta' handyman mill-lukanda St. Julien, gie quddiem dan it-Tribunal fit-8 ta' Gunju, 1978, permezz ta' ittra mill-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura.

2. It-Tribunal sema' l-kas f'zewg seduti. L-appellant is-Sur Lawrence Cefai kien assistit mis-Sur Francis Coleiro, Segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi eccetra tal-General Workers' Union. Ghas-St. Julien Hotel deher is-Sur Victor Gruppetta, Manager ta' l-istess hotel.

3. Irrizulta illi Mr. Cefai kien ilu mpjegat bhala handyman mal-Hotel St. Julien sa mill-1965, meta dik il-lukanda kienet ta' kumpanija ohra. Fl-1 ta' Gunju, 1977 (12 il-sena wara), dahlet il-kumpanija l-gdida, li maghha l-istess impjegati li kien hemm gew mahtura mill-gdid, wara li hadu terminal benefits minn ghand il-kumpanija ta' qabel. Fost dawk li hekk gew mahtura mill-gdid kien hemm Mr. Cefai, li beda bi 3 xhur probation mal-kumpanija l-gdida mill-1 ta' Gunju, 1977.

4. Inghad li t-tkeccija saret fis-6 ta' Dicembru, 1977 (sitt xhur wara li Mr. Cefai nhatar), b'effett mit-12 ta' Dicembru, 1977 Dan mill-ewwel deher mod stran

/.........

ta' tkeccija, ghax il-kumpanija qalet li hi baghtet lil Mr. Cefai ghax hu irrizenja, ta notice, telaq minn jeddu, filwaqt li Mr. Cefai qal li hu ma tax notice, l-ghada mar ghax-xoghol bhas-soltu u gie mkecci mill-management.

5. Minn dak kollu li sema', t-Tribunal ma jistghax jeskludi ghal kollox illi fil-fatt, fis-sahna tal-mument meta Mr. Cefai ra roster li ma ghogbux, huwa seta qal "Intik notice li tielaq minn issa stess", jew kliem iehor li jfisser l-istess haga. Minn dan il-punt il-quddiem, hemm numru ta' fatti li fuqhom jaqblu z-zewg nahhat. Dawn huma:

1. Dik inhar stess ta' l-incident, Mr. Cefai kompla fuq ix-xoghol sat-tmiem tal-hin tieghu bhas-soltu.
2. L-ghada, Fis-7 ta' Dicembru, 1977, Mr. Cefai rega rraporta ghax-xoghol bhas-soltu.
3. Kien il-management li ma halliex lil Mr. Cefai jerga jidhol ghax-xoghol.

6. Minn dawn it-tlett punti li ghadna kif semmejna, huwa car li, qal x'qal jew ma qalx Mr. Cefai fis-sahna tal-mument, il-fehma kalma tieghu ma kienetx li jitlaq mix-xoghol. Del resto, qalilna hu stess li bhala shop steward hu kellu wkoll id-dover li jara kif kwalunkwe arrangament gdid, bhal roster, jista' jolqot lil shabu. U ghal xi sitwazzjoni bhal din, per ezempju ta' roster li ma jinghogobx, Mr. Cefai dejjem kellu r-rimedji li jipprovdi l-makkinarju tat-trade unions, igifieri laqghat, twissijiet, strikes, eccetra. Ghalhekk, biex jipprotesta kontra roster, hu ma kellu ebda bzonn jghid li jirrizenja, jekk mhux f'xi mument ta' sahna.

7. Hawn huwa ta' min jieqaf ftit biex it-Tribunal jerga' jaghmel enfasi fuq punt li ga ssemma f'diversi kasi li gew quddiem dan it-Tribunal. Dan hu li tkeccija ta' haddiem minn xoghlu ma hiex haga hafifa li wiehed jista' juzaha kapriccjozament. Anzi hija haga gravi u serja hafna, ghaliex din taqta l-ghajxien tal-haddiem u ta'

/......

2

dipendenti li jista' jkollu, ixxejjinlu s-servizz li jkun ga ta, u tgharraqlu ic-chances li jsib impieg iehor bhal ma kellu. Dan hu rikonoxxut mill-aqwa awtorita' internazzjonali tax-xoghol, l-International Labour Office (ILO), li tiddefinixxi t-tkeccija bhala l-kastig estrem, u tfakkar li jrid ikun hemm raguni valida biex tkeccija tista' ssir. Mela, filwaqt li l-haddiem ma ghandu qatt jaghmel biex jitkecca u ghandu jfittex kif inhu xieraq l-interessi ta' l-employer, min jimpjega ma ghandu qatt bil-ghagla jew minghajr raguni bizzejjed jaghmel tkeccija. It-Tribunal ihoss li jista'jigi evitat hafna nkwiet kieku dan jifmuh mhux biss il-ftit nies koncernati f'dan il-kas, imma l-akbar numru possibbli ta' min jahdem u min ihaddem. Il-mizuri dixxiplinarji kullimkien jipprovdu hafna mezzi ta' twissija u ta' kastig, minghajr ma wiehed ikollu bzonn jirrikorri ghal tkeccija. L-istampa u l-mezzi l-ohra ta' komunikazzjoni jistghu jghinu hafna biex ifakkru b'dan l-akbar numru ta' nies li jista' jkun.

8. Biex nergghu lura ghal kas taghna, it-Tribunal jidhirlu

a. li Mr. Cefai, li hareg mix-xhieda li kien impjegat tajjeb, ma jaghtix trouble u anzi jidhol biex jghin lil haddiehor, ma kellux l-intenzjoni kalma li jirrizenja;

b. li anke jekk fis-sahna qal li jaghti notice, wara ma riedx jiffirma notice u mar ghax-xoghol bhas-soltu, u kien il-management li hatfu fil-kelma u keccieh; u

c. li ghalhekk din it-tkeccija ma kienetx gusta.

AWARD

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal isib favur l-appellant Mr. Lawrence Cefai, u jordna precizament kif gej:

1. Il-kumpanija Hotel St. Julien ta' San Giljan ghandha terga tiehu lura lil Mr. Lawrence Cefai bhala Handyman, fl-istess lukanda go San Giljan, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju, 1978, u dana bhala konti -nwazzjoni tas-servizz li kellhu maghha qabel, mill-1 ta' Gunju, 1977.

2. L-istess kumpanija proprijetarja tal-Hotel St. Julien ghanda, mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju, 1978, thallas lil Mr. Lawrence Cefai, bhala kumpens finali ghal kull tfixkil li setgha sofra f'dawn is-sebgha xhur li ilu wieqaf minn xoghol maghha, is-somma ta' £M210 (mitejn u ghaxra liri maltin).

(C.J. Mallia)
Chairman.

(S. Grech)
Segretarju.

10 ta' Lulju, 1978.

fp